Nru. 17,518
Prezz 96ċ
Price 96c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 12 ta' Diċembru, 2003
Friday, 12th December, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1160

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Lawrence Gonzi, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru b'seħħ minn nhar il-Ħamis, il-11 ta' Diċembru, 2003, matul l-assenza ta' l-Onor. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P.

Il-11 ta' Diċembru, 2003
(OPM 12/2003 Vol II)

GOVERNMENT NOTICES

No. 1160

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Lawrence Gonzi, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Social Policy, assume the additional duties of the Prime Minister with effect from Thursday, 11th December, 2003, during the absence of the Hon. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P.

11th December, 2003

Nru. 1161

ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT ĠENERALI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 91 (1) u bl-artikolu 124 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra ta' Dott. Peter Grech, Assistent Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mis-7 sa l-10 ta' Diċembru 2003, iż-żewġ dati inklużi, u l-ħatra ta' Dott. Anthony Barbara, Assistent Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mill-11 sat-13 ta' Diċembru 2003, iż-żewġ dati inklużi.

It-12 ta' Diċembru, 2003

No. 1161

APPOINTMENT OF ACTING ATTORNEY GENERAL

IN exercise of the powers conferred by section 91 (1) and by section 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment of Dr Peter Grech, Assistant Attorney General to act as Attorney General from 7th to 10th December 2003, both days inclusive, and the appointment of Dr Anthony Barbara, Assistant Attorney General, to act as Attorney General from the 11th to 13th December 2003, both days inclusive.

12th December, 2003

Nru. 1162

BORD DWAR IR-RELAZZJONIJIET DWAR L-IMPJIEGI

NGĦARRFU b'din illi, skond il-poteri mogħtija lilu b'artikolu 3(1) ta' l-Att ta' l-2002 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 451), il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali għoġbu jaħtar il-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi għal perijodu ta' sena, b'seħħ mit-2 ta' Diċembru 2003, kif muri hawn taħt:

Chairperson Indipendenti
Il-Prof. Edward Zammit

Deputat Chairperson
Is-Sur Frank Pullicino

Membri
Is-Sur Alfred Buhagiar
Is-Sur Edwin Calleja
Ms Anna Caruana Colombo
Ms Moira Catania
Is-Sur Mario Debattista
Is-Sur Joseph Farrugia
Is-Sur Tonio Farrugia
Is-Sur Vince Farrugia
Is-Sur Emmanuel Micallef
Is-Sur Michael Parnis
Is-Sur Gejtu Vella

Segretarju
Is-Sur Anthony Azzopardi

It-12 ta' Diċembru, 2003

No. 1162

EMPLOYMENT RELATIONS BOARD

IT is hereby notified that, in terms of the powers conferred by article 3(1) of the Employment and Industrial Relations Act of 2002 (Cap. 451), the Deputy Prime Minister and Minister for Social Policy has appointed the Employment Relations Board for a period of one year, with effect from the 2nd December 2003, as indicated hereunder:

Independent Chairperson
Prof. Edward Zammit

Deputy Chairperson
Mr Frank Pullicino

Members
Mr Alfred Buhagiar
Mr Edwin Calleja
Ms Anna Caruana Colombo
Ms Moira Catania
Mr Mario Debattista
Mr Joseph Farrugia
Mr Tonio Farrugia
Mr Vince Farrugia
Mr Emmanuel Micallef
Mr Michael Parnis
Mr Gejtu Vella

Secretary
Mr Anthony Azzopardi

12th December, 2003

Nru. 1163

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 1163

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CUSTOMS)

THE Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs, has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Joseph Galea Maucieri	Direttur Ġenerali *Director General*	Dwana *Customs*	8 - 10.12.2003

It-12 ta' Diċembru, 2003

12th December, 2003

Nru. 1164

TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

NGĦARRFU illi għar-raġunijiet personali l-Avukat Dott. Anthony Ellul, LL.D., irreżenja mill-kariga ta' Ġudikatur fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar, b'seħħ mill-1 ta' Novembru, 2003.

Il-5 ta' Diċembru, 2003
(OPM/233/95)
(MJ/1/93/II/49)

No. 1164

SMALL CLAIMS TRIBUNAL

IT is notified that, Advocate Dr Anthony Ellul, LL.D., resigned for personal reasons as Adjudicator in the Small Claims Tribunal with effect from 1st November, 2003.

5th December, 2003

Nru. 1165

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI (KAP. 217)

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-lista ta' nies barranin li għandhom il-liċenzi ta' impieg skond l-artikolu 11 (3) ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217), ġiet ippubblikata fuq il-*website* tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni www.doi.gov.mt nhar il-Ħamis, il-11 ta' Diċembru, 2003, u tista' tinkiseb fuq *floppy disc* jew *printout* mill-istess Dipartiment bil-prezz ta' Lm1.50ċ u 2ċ kull paġna rispettivament.

It-12 ta' Diċembru, 2003

No. 1165

IMMIGRATION ACT (CAP. 217)

IT IS notified for general information that the list of expatriates holding employment licences according to section 11 (3) of the Immigration Act (Cap. 217) has been published on the website of the Department of Information www.doi.gov.mt on Thursday, 11th December, 2003, and is obtainable on floppy disc or printout from the same Department for the price of Lm1.50c and 2c each page respectively.

12th December, 2003

Nru. 1166

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAPITLU 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
5. 12. 03	Lm4.64c9	7c1
9. 12. 03	Lm4.65c7	7c3
10. 12. 03	Lm4.68c1	7c5
11. 12. 03	Lm4.68c2	7c5

It-12 ta' Diċembru, 2003

No. 1166

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CHAPTER 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

12th December, 2003

Nru. 1167

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 1167

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 293	Trevor De Giorgio	The Fruit Grove 15 Triq Sant'Antnin Sliema	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.21	01.12.03
CD/3209/2003 Pt 322	Jesmar Mifsud	Memo International Limited UB 44 Qasam Industrijali San Ġwann	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	30	02.12.03
CD/3209/2003 Pt 435	Mario Mangion	M. Mangion Carvings 149, Triq il-Kbira Qormi	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	36.6	02.12.03
CD/3209/2003 Pt 470	Ray Piscopo	Naturally - Beauty Secrets 324/325 Triq Manwel Dimech Sliema	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.33	02.12.03
CD/3209/2003 Pt 471	Catherine Micallef	Abigail's Hair Salon 53B Wied Ħal Balzan Balzan	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	02.12.03

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 365	Edmond Xuereb	Roger's Garage New Street off Ħandaq Road Qormi	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.2	02.12.03
CD/3210/2003 Pt 17	Vincent Bonnici	Vince Garage Triq il-Belt Valletta Qormi	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.2 50.3	03.12.03
CD/3210/2003 Pt 18	Ramona Sant	Cute Look Shop No. 4, Triq San Pawl St Paul's Bay	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	04.12.03
CD/3209/2003 Pt 530	Joseph Scicluna	Scicluna's Hiring Services Ltd Triq Kappilan Mifsud Santa Venera	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.05	04.12.03
CD/3209/2003 Pt 529	Edmund Vella	Y.C.S. Medicentre Triq Diċembru Tlettax Nadur Għawdex	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	93.022 52.48.2	04.12.03

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

It-12 ta' Diċembru, 2003

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

12th December, 2003

Nru. 1168

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 1168

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Anthony Bugeja	358981 (M)	"Ritton", Vjal l-Indipendenza, Mosta
Vincent Micallef	495856 (M)	"Dolphin", Vjal il-Blue Grotto, Żurrieq
Philip Caruana	180852 (M)	9, Triq is-Saqwi, Attard
Ronnie Agius	450570 (M)	22, Flat 3, Triq il-Maċina, Isla
Angelo Borg	115754 (M)	10, "L-Arzella", Triq il-Menħir, Marsascala
William Mintoff	431557 (M)	1G, Triq il-Kanonku Bonnici, Ħamrun
Anthony Bonnici	177085 (M)	19, "St Anthony", Triq Ta' Rqajja', Safi

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-12 ta' Diċembru, 2003

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

12th December, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 103

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija ser jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħad-Dingli

Nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Diċembru 2003 bejn is-6.30 p.m. u t-8.30 p.m. minn Triq il-Ħemda.

Nhar l-Erbgħa, l-24 ta' Diċembru 2003 bejn il-5.30 p.m. u t-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa, Ġużè Abela, il-Knisja, Misraħ is-Suffara, G. Ellul Mercer, C. Spiteri u Frenċ Abela.

Ir-Rabat, Malta

Nhar l-Erbgħa, l-24 ta' Diċembru 2003 bejn il-5.30 p.m. u t-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Ferris, il-Kulleġġ, Santa Marija, il-Konti Ruġġieru, Borg Olivier, San Franġisk, l-Isptar, il-Kbira, ir-Repubblika, Santu Wistin, San Ġużepp, San Pawl u l-Pjazza tal-Parroċċa.

It-12 ta' Diċembru, 2003

POLICE NOTICE

No. 103

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Dingli

On Friday, 19th December 2003 between 6.30 p.m. and 8.30 p.m. through Triq il-Ħemda.

On Wednesday, 24th December 2003 between 5.30 p.m. and 8.00 p.m. through the following streets: il-Parroċċa, Ġużè Abela, il-Knisja, Misraħ is-Suffara, G. Ellul Mercer, C. Spiteri and Frenċ Abela.

Rabat, Malta

On Wednesday, 24th December 2003 between 5.30 p.m. and 8.30 p.m. through the following streets: Ferris, il-Kulleġġ, Santa Marija, il-Konti Ruġġieru, Borg Olivier, San Franġisk, l-Isptar, il-Kbira, ir-Repubblika, Santu Wistin, San Ġużepp, San Pawl and il-Pjazza tal-Parroċċa.

12th December, 2003

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 62 ta' l-2003

Xogħlijiet ta' Manutenzjoni fuq il-Pipeline ta' l-Ilma Ħelu ta' Tignè - Valletta

Il-baħħara huma avżati illi se jsiru xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-*Pipeline* ta' l-Ilma Ħelu ta' Tignè - Valletta min-naħa ta' Tignè. Għal dawn ix-xogħlijiet jeħtieġ li jsir għadds taħt il-baħar. Id-*diving launch Kirby* se tassisti fl-operazzjonijiet ta' l-għadds. Il-lanċa se jkollha l-*International Code Flag "A"* meta jkunu qed isiru operazzjonijiet ta' l-għadds.

Ix-xogħlijiet mistennija li jintemmu nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Diċembru, 2003, jekk jippermetti t-temp.

Skond ir-Regolamenti ta' l-1975 dwar l-Irmiġġ, u skond l-artikolu 7 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352) id-Direttur Eżekuttiv (Portijiet) jordna illi l-bastimenti u inġenji kollha li jkunu qed ibaħħru ġewwa jew barra l-Port ta' Marsamxett viċin Tignè għandhom jimxu bil-mod ħafna. Il-baħħara huma mwissija biex iżommu 'l bogħod distanza ta' 150 metru ċentrata fuq il-*co-ordinates* li ġejjin.

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 54'.32	14° 30'.77

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal *WGS 84 Datum*.

Chart affettwata: BA Chart 177.

It-12 ta' Diċembru, 2003

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 62 of 2003

Maintenance Works on Tignè - Valletta Fresh Water Pipeline

Mariners are advised that, maintenance works will be carried out on the Tignè - Valletta Fresh Water Pipeline at the Tignè end. Diving is required to carry out these works. A diving launch *Kirby* will be assisting in the diving operations. The launch will fly the International Code Flag "A" when diving operations are being carried out.

The works are expected to be completed by Friday, 19th December 2003, weather permitting.

In terms of the Berthing Regulations 1975, and in terms of article 7 of the Malta Maritime Authority Act of 1991 (Cap. 352) the Executive Director (Ports) directs that all vessels and craft maneuvering into or out of Marsamxett Harbour near Tigne must proceed at very slow speed. Mariners are warned to give a wide berth of 150 metres centered on the following co-ordinates.

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 54'.32	14° 30'.77

Position is referred to WGS 84 Datum.

Chart affected: BA Chart 177.

12th December, 2003

FORZI ARMATI TA' MALTA
(RISERVISTI VOLUNTIERI TA' EMERĠENZA)

Applikazzjonijiet għad-Dħul fil-Forza ta' Voluntieri Riservisti

Il-Kmandant, Forzi Armati ta' Malta, jilqa' applikazzjonijiet mingħand kandidati rġiel u nisa biex jidħlu fil-Forza ta' Riservisti Voluntieri ta' Emerġenza tal-Forzi Armati ta' Malta. L-applikanti li jitqiesu eliġibbli jkunu meħtieġa li fil-bidu jagħmlu kors ta' taħrig bażiku għar-Rekluti.

2. L-applikanti għandhom:–

(a) ikunu ċittadini ta' Malta.

(b) ikunu għalqu t-tmintax-il sena (18) iżda mhux il-ħamsa u tletin (35) sena fid-data ta' l-għeluq ta' dawn l-applikazzjonijiet.

ARMED FORCES OF MALTA
(EMERGENCY VOLUNTEER RESERVE)

Applications for the Enlistment in the Emergency Volunteer Reserve Force

The Commander, Armed Forces of Malta, invites applications from male and female candidates for enlistment in the Emergency Volunteer Reserve Force of the Armed Forces of Malta. Applicants who are deemed to be eligible will initially be expected to undergo a Basic Recruits Course.

2. Applicants must:–

(a) be citizens of Malta;

(b) have attained their eighteenth (18) birthday but not their thirty-fifth (35) birthday on the closing date of this call for applications.

(ċ) ikunu twal ta' l-inqas:

1.57 m fil-każ ta' l-irgiel;

1.52 m fil-każ tan-nisa;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb – Ċertifikat tal-Kondotta mill-Pulizija jkun meħtieġ bħala prova ta' kondotta tajba. Tiġi kkunsidrata wkoll il-kondotta tas-servizz li kellhom qabel, jekk ikun il-każ.

(e) ikunu medikament u fiżikament b'saħħithom skond l-i*Standards* tal-Forza Regolari.

(f) m'humiex iservu bħala Pulizija, Gwardjani tal-Ħabs jew membri tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

(ġ) jippreżentaw permess bil-miktub mingħand il-Kap tad-Dipartiment tagħhom kemm-il darba jkunu impjegati fis-Servizz Pubbliku.

3. L-applikanti għandhom:–

(a) jimlew personalment il-formola relevanti ta' l-applikazzjoni;

(b) joqogħdu għall-eżami ta' Effiċjenza Fiżika biex jiġi żgurat li jkunu f'saħħithom skond l-I*standards* tal-Forza Regolari.

Il-livell minimu huwa kif ġej:

Età bejn 18 u 21 sena:

1 *mile run* – mhux iktar minn 7.52 minuti fil-każ ta' l-irġiel u 9.15 minuti fil-każ tan-nisa;
Push-ups – mhux inqas minn 32 darba fil-każ ta' l-irġiel u 13-il darba fil-każ tan-nisa;
Sit-ups – mhux inqas minn 42 darba fil-każ ta' l-irġiel u 40 darba fil-każ tan-nisa.

Età bejn 22 u 26 sena:

1 *mile run* – mhux iktar minn 8.11 minuti fil-każ ta' l-irġiel u 9.35 minuti fil-każ tan-nisa;
Push-ups – mhux inqas minn 30 darba fil-każ ta' l-irġiel u 11-il darba fil-każ tan-nisa;
Sit-ups – mhux inqas minn 37 darba fil-każ ta' l-irġiel u 35 darba fil-każ tan-nisa.

Età bejn 27 u 31 sena:

1 *mile run* – mhux iktar minn 8.31 minuti fil-każ ta' l-irġiel u 10.14 minuti fil-każ tan-nisa;
Push-ups – mhux inqas minn 28 darba fil-każ ta' l-irġiel u 10 darbiet fil-każ tan-nisa;

(c) be of minimum height of:

1.57 m in the case of males;

1.52 m in the case of females;

(d) be of good moral character - a Police Conduct Certificate will be required as proof of good conduct. Previous service conduct, if applicable, will be taken into consideration.

(e) be medically and physically fit to Regular Force Standards.

(f) not be a serving member of the Police, a Prison Warden or a member of the Civil Protection Department.

(g) provide a "written consent" from their Head of Department, if employed in the Public Service.

3. Candidates will:–

(a) be required to complete the relevant application forms;

(b) be required to undertake a Physical Efficiency Test to ensure fitness to Regular Force Standards.

The minimum standards are as follows:

Age category from 18 to 21 years:

1 mile run – not more than 7.52 minutes for males and 9.15 minutes for females;
Push-ups – not less than 32 repetitions for males and 13 repetitions for females;
Sit-ups – not less than 42 repetitions for males and 40 repetitions for females.

Age category from 22 to 26 years:

1 mile run – not more than 8.11 minutes for males and 9.35 minutes for females;
Push-ups – not less than 30 repetitions for males and 11 repetitions for females;
Sit-ups – not less than 37 repetitions for males and 35 repetitions for females.

Age category from 27 to 31 years:

1 mile run – not more than 8.31 minutes for males and 10.14 minutes for females;
Push-ups – not less than 28 repetitions for males and 10 repetitions for females;

Sit-ups – mhux inqas minn 32 darba fil-każ ta' l-irġiel u 30 darba fil-każ tan-nisa.

Età bejn 32 u 35 sena:

1 *mile run* – mhux iktar minn 8.49 minuti fil-każ ta' l-irġiel u 10.59 minuti fil-każ tan-nisa;

Push-ups – mhux inqas minn 23 darba fil-każ ta' l-irġiel u 9 darbiet fil-każ tan-nisa;

Sit-ups – mhux inqas minn 28 darba fil-każ ta' l-irġiel u 25 darba fil-każ tan-nisa.

(ċ) joqogħdu għal eżami mediku;

(d) joqogħdu għal intervista sabiex jiġi stabbilit il-potenzjal tagħhom għal taħriġ fil-Forza ta' Riżerva.

4. Kandidati li jitqiesu li huma adattati biex jagħmlu Kors ta' Taħriġ ta' Rekluta jiġu ingaġġati bħala *Gunner Recruits*. Rekluta jista'/tista' titkeċċa mis-servizz f'kull ħin jekk jonqos/tonqos li tagħmel progress sodisfaċenti matul il-Kors ta' Taħriġ għar-Rekluti.

5. Kandidati li jkollhom il-kwalifiki neċessarji jistgħu jkunu kkunsidrati għal taħriġ simili li jingħata lil fizzjali jew *Junior NCOs* fi gradi ekwivalenti fil-Forza Regolari.

6. L-ingaġġ inizjali huwa għal perjodu ta' tliet snin, u jista' jiġġedded fi tmiem il-perijodu.

7. L-applikanti magħżula jkunu meħtieġa li jattendu 40 perijodu ta' taħriġ ta' mhux anqas minn siegħa, iżda ta' mhux aktar minn erba' perijodi f'ġurnata waħda, fi tmiem il-ġimgħa. L-applikanti magħżula jkunu meħtieġa wkoll li jattendu l-kamp annwali ta' tmint ijiem.

8. Waqt li l-kandidat magħżul ikun qed jingħata t-taħriġ jew meta jissejjaħ għad-dmirijiet, jiġi mħallas skond ir-rati ta' salarji applikabbli għall-membri Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta. Barra minn hekk, voluntier ikun eliġibbli li jingħata s-somma ta' Lm50 kull sena għall-ewwel tliet snin, liema somma titla' għal Lm100 f'każ ta' ingaġġ sussegwenti.

9. Il-kundizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta eżistenti jkunu jgħoddu għal dawk il-kandidati magħżula, waqt it-taħriġ tagħhom jew inkella meta jkunu msejħa għad-dmirijiet.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinġabru mingħand ir-*Recruiting Office,* Luqa Barracks, Ħal Luqa, mill-Bażi Militari fil-Qortin, Għawdex, jew jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.afm.gov.mt

Sit-ups – not less than 32 repetitions for males and 30 repetitions for females.

Age category from 32 to 35 years:

1 mile run – not more than 8.49 minutes for males and 10.59 minutes for females;

Push-ups – not less than 23 repetitions for males and 9 repetitions for females;

Sit-ups – not less than 28 repetitions for males and 25 repetitions for females.

(c) be required to undergo a medical test;

(d) be interviewed in order that their potential for training in the Reserve Force.

4. Candidates who are assessed to be suitable to undergo the Basic Training Course will be enlisted as Gunner Recruits. A recruit may be discharged from the Service at any time if he/she fails to maintain satisfactory progress during the Basic Training Course.

5. Candidates in possession of the necessary qualifications may be considered for training which is given to Officers or Junior NCOs of equivalent ranks in the Regular Force.

6. The initial engagement will be for a period of three years, renewable at the end of the period.

7. Selected candidates will have to undergo 40 periods of instruction of not less than an hour each during weekends, but not more than four periods per day. Selected candidates will also have to undergo an eight-day annual camp.

8. When a selected candidate is under instruction or called for duty, he/she shall be paid the regular rates of pay applicable to the Armed Forces of Malta. Additionally, any candidate will be eligible to receive an annual bounty of Lm50 during the first three years, increasing to Lm100 in a subsequent engagement.

9. When selected candidates are called for duty or during their training periods, the prevailing Armed Forces of Malta Conditions of Service shall apply.

10. Application forms may either be collected from the Recruiting Office, Luqa Barracks, Luqa, from the Qortin Military Base in Gozo, or downloaded directly from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.afm.gov.mt/

11. Kandidati interessati għandhom jirrapportaw personalment fl-Uffiċċju tar-Reklutaġġ fil-*Barracks* ta' Ħal Luqa bejn it-Tnejn, it-22 ta' Diċembru 2003 u nofsinhar tal-Ġimgħa, id-9 ta' Jannar 2004. Ma' l-applikazzjoni, il-kandidati għandu jkollhom magħhom il-Karta ta' l-Identità Ċivili.

Flimkien ma' l-applikazzjoni l-kandidati għandhom jippreżentaw ukoll:-

(a) żewġ ritratti riċenti tal-passaport.

(b) ċertifikat tat-twelid (Reġistru Pubbliku).

(ċ) ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija (maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet).

(d) ċertifikat originali ta' l-Edukazzjoni jew tas-Snajja'. (Jittiħdulhom kopja u l-oriġinali jiġu rritornati lill-kandidati).

It-12 ta' Diċembru, 2003

11. Interested candidates are to report personally to the Armed Forces of Malta Recruitment Office, Luqa Barracks, Luqa, between Monday 22nd December 2003 and noon on Friday, 9th January 2004. On application, candidates are to be in possession of their Civilian Identity Card.

Together with the application form, candidates should also hand:-

(a) two recent passport size photographs;

(b) birth Certificate (Public Registry);

(c) Police Conduct Certificate (issued within six months prior to the closing date of application);

(d) Original Education or Trade Certificates. (Copies will be made and originals returned to candidate).

12th December, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Senior Registrar (Cardiothoracic Surgery)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adattati u b'esperjenza għall-post ta' *Senior Registrar (Cardiothoracic Surgery)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Senior Registrar (Cardiothoracic Surgery)* għandu salarju ta' Lm7,148 fis-sena li jiżdied b'Lm275 fis-sena sa massimu ta' Lm8,798.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Senior Registrar (Cardiothoracic Surgery) in the Health Division

The Public Service Commission invites applications from duly qualified and experienced Medical Practitioners for the post of Senior Registrar (Cardiothoracic Surgery) in the Health Division.

2. The post of Senior Registrar (Cardiothoracic Surgery) carries a salary of Lm7,148 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm8,798.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and public holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:-

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tassisti lill-*Consultant Cardiothoracic Surgeon* fit-tmexxija ġenerali tal-pazjenti.

5.2. Il-persuna nominata trid tkun kapaċi tittratta problemi bażiċi ta' *Cardiothoracic Surgery*. Trid tkun intiża sewwa fil-*cardiothoracic physiology* u trid tapplika dan fil-maniġġjar tal-pazjenti fl-*Intensive Therapy Unit,* fis-sala u fid-Dipartiment ta' l-*Outpatients*. Tkun involuta fl-għażla tal-pazjenti għall-kirurġija u fit-tmexxija ta' kuljum tas-servizz. Trid tkun kapaċi tittrata emerġenzi akuti inkluż emoroġija ta' wara l-operazzjoni, *tamponade* u *chest trauma*. Tkun mistennija wkoll li tieħu deċiżjonijiet tajba f'sitwazzjonijiet oħra akuti bħal *unstable angina* u *aortic dissection*. Dawn id-dmirijiet iridu jsiru b'kollaborazzjoni sħiħa mal-Konsulent inkarigat mill-*Cardiothoracic Surgery*.

5.3. Il-persuna nominata trid tkun kompetenti teknikament f'dawn il-proċeduri li ġejjin u tkun mistennija li tagħmilhom taħt is-supervizzjoni tal-Konsulent bħala parti mit-taħriġ kontinwu: *harvesting of the saphenous vein* u *internal mammary artery, sternatomy* u *institution of bypass, proximal* u *distal bypass anestomoses, valve replacement, thoracotomy,* kirurġija għall-mard tal-plewra u qtugħ tal-kliewi.

5.4. Il-persuna nominata trid taħdem skond *roster* stabbilit u trid tmexxi t-tobba li jkunu xogħol ta' l-għassa fil-kirurġija. Tkun trid tieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa dwar it-tmexxija kirurġika tal-pazjenti u tirreferi għall-Konsulent imsejjaħ għall-parir u direzzjoni skond kif ikun meħtieġ u xieraq.

5.5. Il-persuna nominata tkun trid tieħu sehem fil-programmi ta' tagħlim ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni li jiġu organizzati mid-Dipartiment tal-Kirurġija jew tal-*Cardiac Services* u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.6. Il-persuna nominata trid tistabbilixxi mekkaniżmu xieraq biex tassigura kwalità tas-servizz u verifika medika.

5.7. Il-persuna nominata tkun responsabbli lejn il-Konsulent immedjat tagħha u fl-aħħarnett lejn iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-*Cardiac Services* u tkun soġġetta għal xi reviżjoni ta' dmirijiet kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:-

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be required to assist the Consultant Cardiothoracic Surgeon in the overall management of patients.

5.2. The appointee should be able to deal with basic cardiothoracic surgical problems. He/She should have a sound knowledge of cardiothoracic physiology and be able to apply this to the management of patients in ITU, the ward and the out-patient department. He/She will be involved in the selection of patients for surgery and in the day-to-day running of the service. He/She should be able to deal with acute emergencies including post-operative haemorrhage, tamponade and chest trauma. He/She will also be expected to make sound decisions in other acute situations such as unstable angina and aortic dissection. All of the above will be performed in close collaboration with the consultant in charge.

5.3. The appointee should be technically competent in the following procedures and will be expected to perform them under consultant supervision as part of ongoing training: harvesting of the saphenous vein and internal mammary artery, sternotomy and institution of bypass, proximal and distal bypass anastomoses, valve replacement, thoracotomy, surgery for pleural disease and lung resection.

5.4. The appointee will perform duties according to an established roster and will lead the surgical team on duty. He/She will take all the relevant decisions involving surgical management of patients and will refer to the Consultant "on call" for advice and direction as necessary and appropriate.

5.5. The appointee will be expected to participate in any teaching or training programme for undergraduates or postgraduates organised by the Department of Surgery or Cardiac Services and to involve himself/herself in on-going research programmes.

5.6. The appointee shall establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

5.7. The appointee will be responsible to his/her immediate consultant and ultimately to the Chairman of the Department of Cardiac Services and his/her duties will be subject to any review as necessary from time to time.

5.8. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(ċ) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-*General Surgery* (e.ż. FRCS jew kwalifika ekwivalenti approvata) u tliet snin ta' esperjenza fil-*Cardiothoracic Surgery* wara r-reġistrazzjoni u wara li jkunu kisbu din il-kwalifika msemmija hawn fuq;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form GP47);* l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux iżjed minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji).

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

9. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adattata għal dan il-post.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Jannar, 2004.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid

5.8. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must be:-

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(c) in possession of a higher postgraduate qualification in General Surgery (e.g. FRCS or an approved equivalent qualification) and three years post registration experience in Cardiothoracic Surgery following the attainment of the above mentioned qualification;

(d) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9. The selected applicant will be medically-examined to ascertain that he/she is fit for the post.

10. Application forms may either be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana

11. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 9th January, 2004.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the

tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgha wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356 - 21 242 884

13. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-12 ta' Diċembru, 2003

Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21 242 884.

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

12th December, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Senior Registrar (Cardiology)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adattati u b'esperjenza għall-postijiet ta' *Senior Registrar (Cardiology)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Senior Registrar (Cardiology)* għandu salarju ta' Lm7,148 fis-sena li jitla' b'żidiet ta' Lm275 fis-sena sa massimu ta' Lm8,798.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgha u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jithallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3 Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:-

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Senior Registrar (Cardiology) in the Health Division

The Public Service Commission invites applications from duly qualified and experienced Medical Practitioners for the posts of Senior Registrar (Cardiology) in the Health Division.

2. The post of Senior Registrar (Cardiology) carries a salary of Lm7,148 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm8,798.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata trid tgħin lill-*Consultant Cardiologist* fil-maniġġjar ġenerali tal-pazjenti.

5.2. Il-persuna nominata trid tkun taf sewwa l-immaniġġjar ta' kuljum tal-pazjenti li jkunu fis-swali, fil-*Coronary Care Unit,* fl-*Out-Patient Department* u fl-*Accident and Emergency Department*.

5.3. Il-persuna nominata trid tgħin fil-proċeduri ta' intervenzjoni dijonjostiċi u terapewtiċi li jsiru fil-*Catheterisation Laboratory* inkluz id-dħul ta' *pacemakers* permanenti.

5.4. Il-persuna nominata trid taħdem skond *roster* imfassal skond il-ħtiġiet tad-Dipartiment. Hi trid tieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa dwar il-maniġġjar ta' pazjenti u tirreferi għall-*Consultant on Call* għal parir kif jinħtieġ u xieraq.

5.5. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tieħu sehem fil-programm ta' taħriġ u tagħlim inkluż dawk għall-istudenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni li jiġu organizzati mid-Dipartiment tal-Kardjoloġija u li tinvolvi ruħha fi programm kontinwu ta' riċerka.

5.6. Il-persuna nominata trid tistabbilixxi mekkaniżmu xieraq biex tassigura kwalità tas-servizz u verifika medika.

5.7. Il-persuna nominata tkun responsabbli lejn il-konsulent immedjat tagħha u fl-aħħarnett lejn iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-*Cardiac Services* u tkun soġġetta għal xi reviżjoni ta' dmirijiet kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

5.8. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(ċ) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Mediċina (e.ż. MRCP jew kwalifika ekwivalenti approvata) u tlett snin ta' esperjenza fil-*Cardiology* wara r-reġistrazzjoni inkluż xogħol fis-CCU u wara li jkunu kisbu l-kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni msemmija hawn fuq;

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be required to assist the Consultant Cardiologist in the overall management of patients.

5.2. The appointee should be fully conversant with the acute and day to day management of Cardiac patients seen in the Wards, Coronary Care Unit, Out-Patient Department and Accident and Emergency Department.

5.3. The appointee will assist in the various interventional diagnostic and therapeutic procedures carried out in the Catheterisation Laboratory including the insertion of permanent pacemakers.

5.4. The appointee will perform duties according to a roster tailored to the needs of the Department. He/She will take the necessary decisions concerning the management of patients and will refer to the 'Consultant on Call' for advice as necessary and appropriate.

5.5. The appointee will be required to participate in any teaching or training programme for undergraduates or postgraduates organised by the Department of Cardiology and to involve himeself/herself in on-going research programmes.

5.6. The appointee shall establish appropriate mechanisms to ensure quality of service and medical audit.

5.7. The appointee will be responsible to hisċher immediate consultant and ultimately to the Chairman of the Department of Cardiac Services and hisċher duties will be subject to any review as necessary from time to time.

5.8. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must be:-

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(c) in possession of a higher postgraduate qualification in Medicine (e.g. MRCP or an approved equivalent qualification) and three years postregistration experience in Cardiology including CCU duties, following the attainment of the above-mentioned higher postgraduate qualification;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-'*Service and Leave Record Form'* (GP 47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji).

